Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020"

COM(2012) 782 final — 2012/0364 (COD)

(2013/C 161/12)

Relatur: **is-Sur PEZZINI**

Nhar l-24 ta' Jannar 2013 u nhar il-15 ta' Jannar 2013, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020

COM(2012) 782 final - 2012/0364 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2013.

Matul l-488 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Marzu 2013 (seduta tal-20 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni bi 82 vot favur, vot wieħed kontra u astensjoni waħda.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Din il-proposta hija estensjoni għall-perjodu 2014-2020 tal-programm imniedi mill-Kummissjoni fl-2009, għall-finanzjament tal-korpi li jaħdmu fil-qasam tar-rappurtaġġ u l-awditjar finanzjarju. Minn meta beda l-programm s'issa, is-settur kellu ħafna tibdil. Il-korpi tnaqqsu għal tlieta biss: l-**IFRS**: l-Istandards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju, l-**EFRAG**, il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju, u l-**PIOB**, il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku.

1.2 Il-KESE **japprova l-programm inġenerali** u jirrikonoxxi l-valur għoli tar-rappurtaġġ u l-awditjar finanzjarju bħala bażi ta' suq b'saħħtu u trasparenti. Min-naħa l-oħra, **m'għandux biżżejjed informazzjoni** biex jiġġudika l-**adegwatezza** tal-ammonti attribwit, għall-ħidma ta' kull programm, u lanqas jista' jkollu opinjoni propja dwar l-adegwatezza tal-"prodott" ta' kull istituzzjoni għall-ħtiġijiet tal-utenti, li jidher li għandhom opinjoni pożittiva għall-aħħar tiegħu.

1.3 Il-kriżi finanzjarja, li għadu jħabbat wiċċu magħha s-suq, uriet il-bżonn dejjem jikber ta' informazzjoni iktar preċiża u ta' standards ta' verifika dejjem iktar effettivi; iżda għalxejn ikun hemm dawn l-istrumenti jekk l-"utenti" ta' dawn is-servizzi ma jkunux kapaċi jużawhom sew. Għalhekk **meħtieġ taħriġ ta' esperti ta' livell għoli** fis-settur pubbliku u privat; l-UE, l-Istati Membri u l-intrapriżi għandhom jiddedikaw kull sforz għal dan, b'impenn adegwat ta' fondi.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Fid-19 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill maħsuba biex **tappoġġja l-attivitajiet tal-korpi involuti fl-iżvilupp tal-prinċipji u l-istandards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar**, għall-perjodu bejn l-1 Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020. Il-pjan preċedenti, tal-2009, jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013. Uħud mill-korpi previsti fil-pjan oriġinali ġew assorbiti minn oħrajn; din il-proposta tkopri għalhekk il-uniċi benefiċjarji li jifdal, jiġifieri l-Fondazzjoni IFRS (is-suċċessur legali tal-IASCF), l-EFRAG u l-PIOB. Din it-tema tapplika għas-settur privat. Is-settur pubbliku huwa suġġett għar-Regolament (KE) Nru 2223/96 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali tal-Komunità (SEC 95) li jistabilixxi l-prinċipji tat-tfassil tal-bilanċi pubbliċi.

2.2 Din il-proposta, bħar-rapport li jakkumpanjaha, tant għandha akronimi, li diffiċli jinftehmu l-akronimi kollha u r-relazzjonijiet bejn l-entitajiet differenti li jissemmew fit-test. Għalhekk hemm bżonn ta' **gwida għall-akronimi u l-organigrammi** biex id-dokumenti jinqraw iktar faċilment, billi dawn, għalkemm imfassla bl-użu ta' terminoloġija teknika preċiża, huma ta' sfida biex jinftehmu anke għal dawk li jaħdmu f'dan il-qasam stess.

2.3 Il-gwida tiddeskrivi b'mod mill-iktar issemplifikat il-korpi benefiċjarji li ġejjin:

2.3.1 **Il-Fondazzjoni IFRS**, il-Fondazzjoni għall-Standards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju (International Financial Reporting Standards Foundation), li ħadet post dik li kienet tissejjaħ l-IASCF, (il-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (International Accounting

Standards Committee Foundation); u tirrapreżenta l-korp, fuq livell globali, li flimkien mal-**IFRIC**, ifassal il-prinċipji tal-kontabilità għall-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' kumpaniji elenkati fl-UE Dawn il-prinċipji ġew inkorporati filliġi tal-Unjoni. L-entitatjiet tekniċi **l-IASB, u l-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-IFRS** jiddependu mill-Fondazzjoni IFRS. It-tmexxija hija r-responsabbiltà ta' serje ta' entitajiet li diffiċli tesprimi l-fehma dwar il-funzjonijiet tagħhom: minbarra l-Bord, hemm **il-Bord tal-Monitoraġġ**, **Kunsill ta' Konsultazzjoni dwar l-Istandards** (Standards Advisory Committee) u **l-Kumitat tas-Sorveljanza tal-Proċess Dovut** (Due Process Oversight Committee).

2.3.1.1 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tal-IFRS, bħala awtorità dinjija tal-istandards, u tirrakkomanda li tkompli l-appoġġ diġà miftiehem mal-IASCF bi skema ta' finanzjament stabbli. Uħud mill-Istati Membri diġà qed jipparteċipaw fil-pjan, min-naħa tagħha l-UE ffinanzjat 17 % tal-ispejjeż fl-2011.

2.3.2 **L-EFRAG**, il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (European Financial Reporting Advisory Group) huwa l-konsulent tekniku tal-Kummisjoni dwar ir-rappurtaġġ finanzjarju. Din hi organizzazzjoni privata, imwaqqfa fl-2001, li oriġinarjament kienet ikkontrollata b'mod proporzjonali skont il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-parteċipanti, fosthom il-Kummissjoni. Mill-2008, l-istruttura inbidlet, biex tirrifletti aħjar **ir-rwol politiku pubbliku** li ħadet l-EFRAG biż-żmien, bħala pjattaforma ta' espressjoni tal-vuċi tal-Ewropa fil-qasam tal-kontabilità. Waqt li r-rappreżentanza u d-dritt talvot jibqgħu dejjem f'idejn l-entitatjiet ta' tmexxija, **l-Assemblea Ġenerali u l-Bord Superviżorju**, issa hija assigurata governanza aħjar permezz tal-Kumitat għall-Ippjanar u għar-Riżorsi (**PRC** – Planning and Resource Committee), u fuq kollox minn **Bord Superviżorju msaħħaħ** ta' 17-il persuna, rappreżentanti tal-partijiet interessati, min iħejji l-bilanċi, u tal-entitatjiet finanzjarji, minbarra erba' esperti tal-politiki pubbliċi nominati mill-Kummissjoni.

2.3.2.1 Skont il-Kummissjoni, l-EFRAG teħtieġ finanzjamenti solidi u għal tul ta' żmien, biex iżżomm il-kredibbiltà u l-indipendenza tagħha; ħafna Stati Membri kbar jipparteċipaw direttament fl-appoġġ tagħha. Il-Kummissjoni tikkofinanzja l-EFRAG għan-nom tal-Istati Membri ż-żgħar.

2.3.3 **Il-PIOB**, il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku hija Fondazzjoni Spanjola bbażata Madrid. Minkejja l-forma privata tagħha, hija entità ta' awtorità u importanza għolja, li tiggarantixxi r-rispett tal-proċeduri, tas-sorveljanza u tat-trasparenza tal-prinċipji tal-awditjar internazzjonali, deċiżi mill-**IFAC**, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (International Federation of Accountants), organizzazzjoni privata li tirrapreżenta l-kontabilisti u l-awdituri fuq livell dinji. L-imsieħba prinċipali huma l-**Grupp ta' Monitoraġġ** (GM) u l-**IFAC** stess, il-GM jirrapreżenta l-awtorità ta' regolamentazzjoni u l-istituzzjonijiet internazzjonali fl-ogħla livell [1]. Il-PIOB jitmexxa minn għaxar membri, tnejn minnhom nominati mill-Kummissjoni.

2.3.3.1 Id-Deċiżjoni tal-2009 tat fondi lill-PIOB li, fl-2011, ammonta għal 22 % tal-ispejjeż eliġibbli; il-Kummissjoni taħdem mill-qrib ma' dan il-korp u kkontribwixxiet ukoll għat-taħriġ talpersunal tiegħu, dwar il-baġit tal-UE. Minbarra hekk, jidher li l-istruttura tan-netwerks tal-finanzjaturi għandha tkun irreveduta: minbarra l-Kummissjoni, l-IFAC biss jikkontribwixxi bi 78 % biex ikopri l-bqija tal-ispejjeż. Il-Kummissjoni qed taħdem biex "tiddiversifika" l-finanzjamenti, sabiex issaħħaħ l-indipendenza tal-PIOB fir-rigward tal-IFAC: minbarra l-kontribuzzjonijiet imwieġħda għall-2013 minn ix istituzzjonijiet internazzjonali, għaddejja kampanja biex jinkisbu kontribuzzjonijiet minn donaturi mid-dinja kollha, immexxija minn Task Force apposta.

2.4 L-entitajiet, li jingħataw finanzjament sostanzjali, jittrattaw suġġett tekniku ħafna u diffiċli jiftiehem jekk mhux mill-ispeċjalisti fil-qasam. Għaldaqstant, il-Kummissjoni m'għamlitx **konsultazzjonijiet esterni** u llimitat ruħha li tevalwa l-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet fid-dawl tal-esperjenza u l-għarfien tagħha. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonfermat li l-programm ta' finanzjament laħaq l-aspettattivi u l-miri previsti.

3. **Kummenti u proposti**

3.1 Il-KESE diġà kkummenta [2] dwar il-programm oriġinali, fejn ta appoġġ lill-proposti tal-Kummissjoni, b'xi riżervi u proposti li se jerġgħu jissemmew f'dan it-test fejn meħtieġ. Bħal f'dak iż-żmien, nerġgħu **naqblu ma il-prinċipju** tal-ħtieġa li jkunu ffinanzjati attivitajiet ta' istituzzjonijiet li jaqdu rwol delikat ħafna u ta' importanza kbira. Madanakollu, mhux possibli **opinjoni dwar il-livell tal-finanzjamenti**, billi l-kejl ta' dawn jiddependi minn għarfien speċifiku, li għandhom biss grupp żgħir ta' speċjalisti.

3.2 Diġà kienet bdiet il-kriżi finanzjarja fl-2009, meta nħoloq il-programm, iżda forsi dak iż-żmien kien għadu kmieni wisq biex issir analiżi fuq livell wiesa', li tinkludi l-inqas aspetti evidenti tal-kawżi, jew aħjar tal-fatturi li kkontribwew, għal dak li ġara. Iż-żmien li għadda u dak li ġara sadanittant, iħalluna nagħmlu xi riflessjoni ulterjuri.

3.3 **Ir-rappurtaġġ finanzjarju u t-tekniki tal-kontabbiltà iqumu l-flus**: jiswew iktar meta din il-ħidma trid issir minn speċjalisti li diffiċli jinstabu fis-suq u meta l-istudju universitarju huwa biss bażi biex jintlaħqu kompetenzi għoljin permezz talesperjenza. Mhux hekk biss: dawn l-ispeċjalisti jrid ikollhom kwalità morali għolja, sabiex tkun garantita r-riżervatezza talinformazzjoni u n–**newtralità** tal-analiżi tagħhom; dan kollu

[1] Il-GM huwa magħmul mill-Kummissjoni Ewropea, l-IOSCO (Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli - International Organization of Securities Commission), il-BCBS (il-Kumitat ta' Basel) u korpi oħra simili fuq livell Ewropew u dinji.

[2] GU C 228 tat-22.09.2009; p. 75; Opinojijiet importanti oħra, speċjalment għal ċerti aspetti spċjalizzati, GU C 191 tad-29.06.2012, p. 61.

jwassal għall-konklużjoni li l-finanzjament tal-entitajiet operattivi huwa ċertament utli, iżda huwa meħtieġ ukoll **taħriġ** ta' speċjalisti, mħallsa u inċentivati kif xieraq.

3.3.1 Meta nitkellmu dwar "speċjalisti" normalment naħsbu f'**dawk li huma responsabbli** mill-ipproċessar tal-informazzjoni jew tar-regoli, iżda **utenti tagħhom**, dawk li għalihom l-informazzjoni hija għodda għall-ħidma u l-istandards huma gwida għall-attivitajiet tagħhom irridu nqisuhom ukoll bħala speċjalisti. Huwa ċar li d-disponibbiltà ta' **riżorsi umani mħarrġa b'mod adegwat hija prijorità**, mhux biss għal dawk li jipproduċu l-informazzjoni, iżda wkoll **għal dawk li jridu jużawha**: l-awtoritajiet regolatorji u superviżorji, il-leġiżlaturi, in-negozji, l-istituzzjonijiet ta' riċerka.

3.4 Għalhekk flimkien mat-taħriġ, l-aspett tal-**kwalità tal-informazzjoni** huwa importanti: fil-punt 3.1 intqal li huwa diffiċli jsir ġudizzju dwar il-livelli ta' finanzjamenti proposti, sahansitra aktar diffiċli u każwali jkun ġudizzju bbażat fuq il-valur miżjud tal-utilità li huma jikkostitwixxu għall-utenti. Nistgħu biss **naċċettaw il-proposta** tal-Kummissjoni rigward **l-ammont** ta' kontribuzzjonijiet, ibbażat biss fuq il-fiduċja u l-apprezzament tar-raġunijiet.

3.5 Fl-opinjoni ([3]) preċedenti ppreżentat fl-2009, waqt it-tnedija tal-programm, il-Kumitat kien irrakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali sabiex tiġi evitata influwenza mhux xierqa jew interferenza fis-**suq tat-titoli** ([4]) regolati mill-**IASCF** u l-**EFRAG**, l-argument kien tqajjem mill-Kummissjoni nnifisha, li kienet talbet kontribuzzjoni Komunitarja sabiex tiġi evitata "influwenza mhux xierqa tal-partijiet interessati." Din il-kwistjoni importanti u sensittiva ma tidher imkien fir-Regolament il-ġdid propost; il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tikkonferma l-fiduċja sħiħa tagħha fl-indipendenza ta' dawn il-korpi. L-istess japplika għall-**PIOB** ([5]).

3.6 Fir-rigward tal-EFRAG, huwa nnotat li l-Kummissjoni tikkofinanzja dan il-korp f'isem l-Istati Membri ż-żgħar (l-akbar jikkontribwixxu direttament). Probabbilment il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni ma tinbidilx wisq jekk l-Istati ż-żgħar iħallsu s-sehem tagħhom, forsi anke simbolika. Iżda l-ġest jindika **involviment responsabbli tal-pajjiżi kollha tal-Komunità0** fil-korpijiet ta' importanza komuni, irrispettivament mid-daqs ta' kull membru.

3.7 L-istandards tal-IFRS (Standards Internazzjonali għall-Irrappurtar Finanzjarju) jistabbilixxu l-valur tal-intrapriżi bil-valur tas-suq (mark-to-market). Matul il-kriżi finanzjarja ġie osservat li dawn l-istandards jista' jkollhom effett proċikliku u li ma jippjanax għat-tul. Il-KESE jissuġġerixxi li ssir valutazzjoni tal-ispejjeż/benefiċċji ta' dawn l-istandards, pereżempju fil-qafas tal-programm inkwistjoni.

3.8 Bħala nota finali, il-KESE jixtieq jenfasizza għal darb'oħra **l-importanza tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data**, iżda fuq kollox il-ħtieġa li tkun **taf kif suppost tifhimhom u tużahom**: filwaqt li huwa meħtieġ li jkunu rikonoxxuti l-livell għoli ta' professjonalità tal-"fornituri", ħafna għad irid isir fir-rigward tal-kategorija multiformi tal-utenti, permezz tat-taħriġ u l-aġġornamenti xierqa tar-riżorsi umani.

Brussell, 20 ta' Marzu 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

([3]) Ara n-nota 2.
([4]) Ara punt 3.2.1.
([5]) Ara punt 3.4.